Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 388/2012

Il-Pulizja

Spettur Raymond Cassar

vs

Christopher Zammit

Illum 20 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

Nhar t-2 ta' April 2005 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu, fi Triq ix-Xatt tal-Pwales fix-Xemxija limiti tal-Mellieħa, waqt li kien qiegħed isuq vettura tat-tip Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni ZAM119, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fis-sewqan, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna il-

mewt ta' Roderick Grima ta' 20 sena mill-Mosta kif ukoll feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jacqueline McKay Saliba ta' 33 sena minn Naxxar;

U talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi, kien qiegħed isuq l-istess vettura u ċioe van Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni ZAM119, b'nuqqas ta' kont, b'manjiera traskurata u/jew perikoluża;

U talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel ħsara nvolontarja fuq il-vettura tat-tip Honda Civic bin-numru LCG831 għad-dannu ta' John Mary Grima.

L-Ewwel Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, l-imputat jiġi skwalifikat minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien li l-Onorabbli Qorti ssib xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Lulju 2012, li biha, sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(c) u 328(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, kkundannatu għal piena ta' sentejn priġunerija, minbarra l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-imputat għal żmien sena dekoribbli wara li jkun skonta l-piena karċerarja. In oltre ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-imputat ġie ordnat iħallas is-somma ta' elf disa' mija u sebgħin Euro (€1970) rappreżentanti l-ispejjez inkorsi fil-ħatra tal-periti fil-proċeduri.

Rat ir-rikors tal-appellant Christopher Zammit minnu ppreżentat fil-31 ta' Lulju 2012 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberaħ mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu jew alternattivament tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena nflitta fuqu.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat t-traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' Jacqueline McKay Saliba fl-istadju ta reviżjoni kif ukoll it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet li nstemgħu quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta nhar il-21 ta' Ottubru 2013[1].

[11] Folio 184 (enumerazzjoni żbaljata – post folio 262), 264 u 284 tal-atti proċesswali.

Rat il-verbal tal-14 ta' Ġunju 2018 fejn il-partijiet irremettew ruħhom għall-atti tal-kawża u straħu fuq il-provi u d-dokumenti hemm miġbura u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant Zammit jattakka l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi ghal-provi f'dan il-każ maghmula mill-Ewwel Qorti li, fil-fehma tieghu, kienu zbaljati u dan meta kkonkludiet illi l-kawza prossima tas-sinistru stradali mertu tal-kaz kien il-fatt li l-vettura misjuqa minnu tal-għamla Toyota spiċċat fuq il-karreġjata l-opposta tat-triq fejn kienet qed tinstaq il-vettura tal-ghamla Honda mill-vittma Roderick Grima, u dan mingħajr ma qieset il-mod kif kienu qegħdin jigu misjuqa l-vetturi rispettivi qabel l-impatt. Dan apparti ċirkostanzi oħra li rriżultaw mill-provi u li kkontribwew sabiex iseħħ dan s-sinistru stradali fatali.

Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, l-appellant jgħid li l-piena li ġiet inflitta fuqu kienet waħda eċċessiva, u dan meta l-Ewwel Qorti imponiet piena karċerarja effettiva, minghajr ma qieset in-negliġenza kontributorja tal-vittma Grima għall-inċident mertu ta' dan il-każ.

L-appellant jilmenta wkoll illi l-Ewwel Qorti m'applikatx id-dettami tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali meta giet biex tikkalibra l-piena, b'dan ghalhekk illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kellhom jigu assorbiti fl-ewwel akkuża. Dan apparti l-applikazzjoni skorretta tal-artikolu 328(a) u tal-artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali, fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 226(2), u tar-rinunzja ghall-azzjoni penali li ghandha issir issa fi stadju ta' revizjoni minn Jacqueline McKay Spiteri u li fil-fatt sehhet matul s-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013 quddiem din il-Qorti diversament ippresjeduta.

Illi ukoll, in vista tar-referenza li saret mill-Parte Civile għall-artikolu 225(2) tal-Kodici Kriminali, dan l-artikolu tal-ligi daħal fis-seħħ permezz tal-Att VII tal-2010, u allura ma ghandux isib applikazzjoni ghal dan l-incident li sehh lura fis-sena 2005.

Finalment l-appellant isostni illi anki jekk wieħed kellu jaċċetta d-dinamika tal-inċident kif ipprospettat l-Ewwel Qorti, u cioe' illi l-inċident seħħ għax l-appellant ħares lejn is-sieħba tiegħu ftit qabel l-impatt u qata' ħażin il-liwja tat-triq, liema manuvra waslet għal dan l-inċident traġiku, dan xorta wahda ma jiġġustifikax l-*quantum* tal-piena mposta fuqu. Maghdud ma' dan l-appellant isostni illi l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien sena minn meta jiskonta l-piena karcerarja imposta fuqu u dan billi

dottrinalment huwa stabbilit illi s-sospensjoni trid tibda' tiddekorri mill-mument tal-kundanna.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti proċesswali, inkluż l-atti tal-inkjesta maġisterjali relattiva, jirrizulta li hemm qbil bejn diversi esperti li nħatru mill-Inkwirenti, illi r-responsabbilta' ghas-sinistru stradali mertu ta' dawn il-proċeduri jaqa' unikament fuq spallejn l-appellant. Dan ghaliex fil-fehma taghhom, l-vettura Honda Civic bin-numru ta' reġistrazzjoni LCG831 u li kienet misjuqa mill-vittma Roderick Grima, baqgħet dejjem fuq il-karreġjata tat-triq minnha uzata, kemm qabel kif ukoll mal-mument tal-impatt, filwaqt li l-vettura Toyota Pick up bin-numru ta' reġistrazzjoni ZAM119 u li kienet misjuqa mill-appellant, tilfet il-kontroll waqt li kienet qed issuq fil-karreġjata fid-direzzjoni lejn il-Mellieħa u konsegwentement spiċċat fuq il-karreġjata l-opposta tat-triq fid-direzzjoni 'l fejn kienet qed tinstaq oriġinarjament. B'riżultat ta' din il-manuvra sehhet il-ħabta '*head on*' bejn dawn iż-żewġ vetturi li traġikament swiet il-ħajja ta' Roderick Grima, apparti l-ġrieħi sofferti minn Jacqueline McKay Saliba u l-appellant stess u l-ħsarat estensivi subiti fiz-zewg vetturi.

L-appellant madankollu ma jaqbilx ma dawn il-kostatazzjonijiet forensici u qed jikkontendi li r-rapporti peritali, partikolarment dak tal-perit Richard Aquilina, mhux ta' min wieħed joqgħod fuqhom peress li hemm diversi ineżatezzi fihom għal dak li jirrigwarda l-eżistenza o meno tal-linja medjana tat-triq fejn seħħ l-inċident. In oltre l-appellant jipprospetta verzjoni ohra dwar id-dinamika ta' kif sehh dan l-inċident li ma' taqbilx mal-kostatazzjonijiet peritali u li titfa' r-responsabbilta' tal-inċident traġiku fuq il-mejjet Grima. Jargumenta allura illi fil-fehma tieghu m'għandux jinstab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Ikkunsidrat,

Illi in succint il-fattispecje li johorgu mill-atti huma s-segwenti:

1. L-appellant u s-siehba tieghu, fil-lejla li fiha sehh l-incident, kienu qed jirritornaw lura lejn il-*caravan* li kellhom fil-Mellieha wara lejla ta' divertiment fejn l-appellant ighid li kkonsma xi xorb alkoholiku ghalkemm mhux bl-eccess. Dan huwa kkonfortat mil-konkluzjoni milhuqa mill-espert tossikologu Dr. Michael Sammut.

2. L-appellant kien qed isuq vettura Toyota tal-ghamla pick-up fid-direzzjoni lejn il-Mellieha, filwaqt li l-vittma Roderick Grima kien gej mid-direzzjoni l-opposta, isuq lejn San Pawl il-Bahar.

3. L-incident sehh ghal habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu fil-jum tat-02 ta' April 2005 fi Triq Xatt il-Pwales ix-Xemxija, vicin il-liwja li hemm fin-nizla mill-Mellieha direzzjoni lejn San Pawl il-Bahar.
4. Il-vizibilita dakinhar kienet tajba u l-art kienet xotta. It-triq hija wiesgha hafna.
5. Fl-istess triq, izda mhux fil-parti fejn sehh l-iskontru bejn iz-zewg vetturi kienu qed isiru xi xogholijiet ta' manutenzjoni u ristrutturazzjoni tant illi l-marki tat-triq, senjalatament il-linja medjana, ma kienux ghadhom jidhru.
6. L-impatt li sehh bejn iz-zewg vetturi kien wiehed qawwi hafna "*head-on*" tant illi Roderick Grima spicca tilef hajtu, filwaqt li kemm l-appellant kif ukoll il-passigiera riekba mieghu sofrew griehi fl-incident, biz-zewg vetturi ukoll isofru hsarat estensivi.
7. Iz-zewg vetturi ma kellhom l-ebda difett fihom u li allura seta' ikkontribwixxa ghal dan is-sinistru.
8. Marki ta' brejkijiet jew *skid marks* ma nstabux fuq ix-xena, indikattiv tal-fatt illi l-ebda wahda mill-vetturi ma ppruvat taghmel xi manuvra evasiva qabel l-impatt.
9. L-i*spot of impact* kif ukoll iz-zewg vetturi wara l-impatt instabu fuq il-karreggjata tat-triq fejn kienet qed tinstaq il-vettura Honda tal-vittma Grima, u cioe' fuq il-karreggjata tat-triq li tiehu lejn San Pawl il-Bahar.
10. L-appellant jikkontendi illi fis-sekondi li pprecedew l-impatt mal-Honda huwa kien qed ihares lejn is-siehba tieghu li kienet qed tonghos u f'daqqa wahda ighid li ra dawl qawwi gej minn vettura ohra f'wiccu tant illi ma setax jara x'qed jigri.

Dan kollu johrog mill-konkluzjonijiet forensici tal-esperti nominati mill-Inkwirenti u mix-xiehda tal-appellant u tal-pulizija li nvestigaw din il-kollizzjoni.

**<u>Konkluzjonijiet tal-esperti u l-verżjoni tal-appellant dwar id-dinamika u l-kawża tal-inċident</u>.**

Illi fil-fehma tal-Perit Joseph Zammit li nħatar bħala perit tekniku matul l-inkjesta maġisterjali, u li xehed fl-10 ta' Marzu 2006[2], il-ħsara misjuba fuq il-vettura Honda Civic li kienet misjuqa minn Roderick Grima '*ġiet ikkaġunata b'daqqa soda tant li kienet*

[2] Folio 12 tal-atti proċesswali – rapport eżebit a folio 152 tal-inkjesta maġisterjali.

*tasal sa fuq id-driver's seat liema driver's seat jinsab anke mqaċċat minn postu. Diversi partijiet ta' din il-vettura kienu jinsabu mxerrdin mal-kareġġata'*. Fir-rigward tat-vettura Toyota misjuqa mill-appellant, l-espert jgħid '*dan il-pick up kien jinsab ukoll bi ħsara estensiva fuq il-partijiet frontali tiegħu l-aktar lejn in-naħa tax-xellug, liema ħsara kienet tidher ikkaġunata b'daqqa soda, daqqa tant soda li l-gabina tad-driver resqet bid-daqqa lura għal fuq il-kaxxa u anki l-kaxxa spustjat ruħha mill-istess irbit tagħha'*[3]. Ikkonferma li ma kien hemm l-ebda marki tal-brejkijiet jew 'skid marks' fl-ebda waħda mill-karreġġjati tat-triq. Fil-kostatazzjonijiet tiegħu l-espert jgħid li l-evidenza turi li l-inċident seħħ interament fuq il-karreġġjata tal-vittma Grima u dan meta is-sewwieq tat-Toyota għal xi raġuni tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' sejjer għal fuq dik il-karreġġjata fil-mument li kien hemm il-Honda qed tinstaq mill-vittma biex b'hekk sehh impatt frontali bejn dawn iz-zewg vetturi[4]. In oltre l-espert jikkonkludi li l-inċident seħħ fl-istess post fejn instabu l-vetturi (ma ġewx spustjati l-vetturi). Ma kien hemm l-ebda difett jew xi ħsara teknika fiz-zewg vetturi li setghet kienet il-kawza prossima ta' dan is-sinistru stradali.

Jikkonkludi fuq kollox illi ebda wahda mill-vettura nvoluti fl-inċident ma ghamlet xi manuvra jew gew applikati il-brejkijiet sabiex jigi evitat l-impatt[5]. It-triq in kwistjoni kienet imdawwla kollha fil-ħin tal-inċident u l-art kienet xotta. Fil-fehma tal-espert allura, '*l-inċident seħħ meta il-Honda kienet qed tinstaq fil-karreġġata regolari tagħha mid-direzzjoni tax-Xemxija lejn San Pawl il-Baħar bi speed pjuttost elevat u l-pick up truck li kien qed jinstaq mid-direzzjoni opposta, qasam għal ġol karreġġata tal-lemin, dik opposta fejn kienet ġejja l-Honda msemmija u hemm seħħ l-impatt bejniethom'*[6]. Il-hsarat subiti fiz-zewg vetturi kienu estensivi tant illi il-vettura tal-ghamla Honda ma setatx tissewwa. Ghalkemm l-espert jikkonferma illi fil-jum tal-incident kienu qed isiru xi xogholijiet fit-triq in kwistjoni, madanakollu mhux f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-impatt. Mhux biss izda jibqa' jinsisti anke in kontro-ezami illi l-vettura misjuqa mill-appellant kienet kollha kemm hi fuq in-naha l-opposta tat-triq bil-kabina b'kollox.[7].

Illi l-espert Mario Buttigieg[8] li sema x-xiehda tal-persuni nvoluti f'dan is-sinsitru stradali fosthom l-appellant u s-sieħba tiegħu, jikkonkludi li dakinhar tal-incident l-viżibilta' kienet tajba u anki t-temp kien tajjeb u ċar. Ikkonstata ukoll li ma tħallew l-ebda marki ta' brejks jew *skid marks* fit-triq. Ikkonkluda li l-inċident seħħ fuq in-naħa leminija tat-triq u dan ġie kkonstatat kemm bil-mod kif spiċċaw il-vetturi kif ukoll mill-*ispot of impact* u l-ħsarat rizultanti. Anki dan l-espert jitfa' r-responsabbilta' ghall-incident fuq spallejn Zammit ghaliex fil-fehma tiegħu, l-vettura tiegħu marret fuq il-

---

[3] Folio 158 tal-inkjesta maġisterjali.
[4] Folio 160 tal-inkjesta maġisterjali.
[5] Folio 159 u 160 tal-inkjesta maġisterjali.
[6] Folio 163 tal-inkjesta maġisterjali.
[7] Folio 183 et seq tal-atti proċesswali nhar l-20 ta' Lulju 2009.
[8] Folio 32 tal-Proces Verbal.

karreġjata l-oħra fejn kienet qed tinstaq il-Honda minn Grima. L-espert jispekula li l-appellant seta' raqad jew kien qed jipprova jaqbez vettura oħra meta għamel din il-manuvra.

Il-Perit Richard Aquilina fl-ewwel rapport redatt minnu u eżebit matul l-inkjesta maġisterjali[9] rrediġa skizz tax-xena tal-incident fejn ukoll kkonstata li d-daqqiet subiti fuq il-vetturi kienu fuq in-naħa leminijia ta' kull vettura bil-ħsarat subiti mill-Honda iktar konsiderevoli minn dawk tat-Toyota[10]. In oltre mill-iskizz magħmul minnu li ma tirriflettix il-linja medjana tat-triq fejn seħħ l-inċident, hu ndika li l-Honda baqgħet fuq il-karreġjata tagħha filwaqt li t-Toyota kienet għall-kollox jew fil-biċċa l-kbira tagħha fil-karreġjata tat-triq fejn kienet qed tinstaq il-vettura Honda. Fuq l-iskizz jidher ukoll it-tifrik mill-impatt li jinstab ukoll prinċipalment fuq quddiem taż-żewġ vetturi u wkoll fuq il-karreġjata tal-vettura Honda. L-espert Aquilina jikkonferma wkoll li l-art kienet xotta[11].

Il-Perit Aquilina reġa xehed matul is-seduta datata 26 ta' Novembru 2007[12] fejn mistoqsi stqarr illi ma jiftakarx jekk kienx hemm *medial line* fit-triq in kwistjoni għax kienu ser jibdew xi xogħlijiet fuq din it-triq. Hu kkonferma li kejjel in-nofs tat-triq skond il-qies oriġinali mill-ħitan tat-triq. Jikkonferma illi fil-hin tal-impatt ma kienu qed jigu ezegwiti l-ebda xogholijiet fit-triq. Stqarr li jekk kien hemm linja medjana finta ħafna hu ma ndunax biha u jiftakar ċar li t-triq kienet imfarka u mkissra. Ikkonferma in ri-eżami li l-pjanta tiegħu saret dak il-ħin bil-vetturi fuq il-post u hija *to scale*. L-espert eżebixxa pjanta oħra bil-qisien kollha b'inklużjoni ta' linja medjana mmaġinarja fuq il-kejl li ħa hu,[13] u skond liema pjanta, l-linja medjana ġiet ikkalkulata mill-bankina ta' barra u mhux mill-liwja tal-parkegg li jinstab biswit il-gabbana. Ix-xhud żied jgħid ukoll li t-terrapin li kien hemm fuq il-post kienu ġewwa l-parkegg u ma mmarkahx fl-iskizz tiegħu. Ikkonferma li anki skond dan l-iskizz, it-Toyota li kienet misjuqa mill-appellant kienet kollha kemm hi fuq il-karreġjata tal-Honda kontra t-traffiku. Sahansitra jibqa' tal-istess fehma wara ezercizzju iehor li jigi mitlub jaghmel mill-Qorti fuq pjanti esebiti mix-xiehda prodotti mill-appellanti[14], u cioe' illi l-inċident seħħ fil-karreġjata tal-Honda bid-debris kollha fuq dik il-parti tat-triq u fejn il-parti ta' quddiem tat-Toyota invadiet xorta waħda l-karreġġjata l-oħra u l-Honda, allura fil-fehma tieghu, tidher ċara li kienet u baqgħet dejjem fil-karreġjata tagħha[15].

L-appellant xortawahda izda ma jaqbilx ma' dawn il-konkluzjonijiet peritali u jishaq illi fil-mumenti li pprecedew l-impatt hu kien nieżel mill-*bypass* sabiex jaqbad ir-

---

[9] Folio 24 tal-Proces Verbal.

[10] Ara folio 25 u 26 mir-rapport tal-Perit Aquilina.

[11] Ara wkoll ix-xhieda tal-espert Aquilina a folio 10 tal-atti proċesswali (10.3.2006).

[12] Folio 101 tal-atti proċesswali.

[13] Immarkat bħala Dok. 3. Ara folio 134 tal-atti proċesswali.

[14] Verbal datat is-27 ta' Novembru 2009 – folio 193 tal-atti proċesswali.

[15] Folio 205 tal-atti proċesswali (11.02.2010).

*roundabout* fid-direzzjoni tax-Xemxija u kien qed isuq bil-galbu peress li kien hemm xi xogħlijiet għaddejin u kien hemm il-barikati fuq in-naħa opposta tat-triq. Hu kien qed jitkellem mat-tfajla u spiċċa jitkellem waħdu għax meta hares lejha nnota li kienet raqdet u kif ħares il-quddiem (lejn it-triq) ra karrozza ġejja għal fuqu bil-*brights* mixghulin li għamietu u kienet qed isuq bi *speed* elevat. Hu stqarr li fil-fehma tiegħu il-Honda kien qed isuq mingħajr dwal għax ma rahiex ġejja lejħ hi u nieżla mix-Xemxija lejn San Pawl il-Baħar u xegħlet id-dwal kif sabitu quddiemha. Hu ċaħad li nvada l-karreġjata tal-Honda anki minħabba munzell ramel li kien hemm u x-xogħolijiet għaddejjin fejn stqarr li kien qiegħed attent minħabba fejn kienu l-barrikati. Jishaq illi bid-daqqa li tagħtu l-Honda, l-vann tiegħu mexa diversi metri u l-Honda daħlet taħtu, gholliet il-vettura tieghu u dawritha b'tali mod li spiċċat tħares lejn il-baħar kif filfatt instabu l-vetturi.

L-appellant izda ma jiftakarax x'manuvra ghamel meta ra l-vettura misjuqa minn Grima bil-*brights* mixgħulin f'wiċċu, fejn stqarr li ffriza, ghalkemm ċaħad li ġibed lejn naħa jew oħra tat-triq. Stqarr li d-daqqa li laqqat mill-Honda kienet qawwija u ndikattiva tal-veloċita' li biha kienet qed tinstaq il-Honda. Jibqa' jichad dak konkluz mill-periti forensici illi hu qabeż il-linja medjana li kienet eżistenti fi żmien l-inċident.

Fil-fehma tal-appellant is-sewwieq tal-Honda li kien nieżel b'veloċita eċċessiva meta ġie biex idur il-liwja mix-Xemxija għall-Pwales invada il-karreġġjata tat-triq misjuqa minnu. F'dan il-mument jishaq illi Grima xegħel il-*brights* fejn sab lill-appellant ma wiċċu, pprova jevitaħ u mar lejn il-lemin fejn minflokk laqat lit-Toyota, ghollieh, dawwru u ġabu jħares in-naħa l-oħra lejn il-baħar. Skond hu mexa bejn wieħed u ieħor bejn 10 u 20 metri *upon impact* lura *and turning seawords*. Hu ċaħad kategorikament li kien qed isuq in-naħa l-oħra tat-triq kif ġie suġġerit mill-esperti.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 jaqra testwalment:

> *(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin u multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef Lira*[16].

Illum permezz tal-introduzzjoni tal-Att VII tal-2010, l-legislatur holoq subartikolu gdid sabiex il-piena applikabbli tiżdied fl-eventwalita' illi issehh il-mewt jew il-feriment ta' iktar minn persuna wahda fir-reati ta' natura nvolontarja. Dan is-subartikolu il-gdid, madankollu ma jsibx applikazzjoni f'dan il-każ tenut kont tal-fatt li l-inċident in eżami seħħ fis-sena 2005.

[16] Illum ekwivalenti għal ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).

L-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 imbaghad jirregolaw is-sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja jew b'nuqqas ta' kont, traskuraġni, b'manjiera perikoluza, li tinkorpora b'mod mandatorju l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan fl-eventwalita' ta' ħtija u meta s-sewqan ikun ta' traskuraġni jew periklu konsiderevoli. F'dan ir-rigward jidher li minn żmien l-inċident il-multa u l-piena karċerarja applikabbli taħt is-subparagrafu (a) żdiedu konsiderevolment[17].

Issa l-appellant isib oggezzjoni b'mod ewlieni ghal konkluzjonijiet milhuqa mill-esperti nominati mill-Inkwirenti. Ma jaqbilx mal-iskizz redatt mill-Perit Richard Aquilina u l-konfigurazzjoni tat-triq kif imfassla minn dan l-espert b'mod principali ma jaqbilx mal-konkluzjoni milhuqa dwar fejn kienet tinsab il-linja medjana tat-triq li fiz-zmien tal-incident kienet saret invizibbli minhabba fix-xogholijiet li kienu qed isiru fit-triq. Kwindi ma jaqbilx illi l-impatt frontali bejn iz-zewg vetturi sehh fuq il-karreggjata tat-triq misjuqa minn Grima.

Illi l-artikolu 656 li jinsab fis-sub-titolu II tat-titolu I fit-Taqsima III tal-Kodiċi Kriminali ntitolat Fuq il-Periti, jiggwida lill-Qorti f'dan is-sens:

> **"Min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu."**

Din id-disposizzjoni giet imfissra hekk dottrinalment:

> **"Huwa ben risaput illi f'materja ta' prova peritali, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa fis-sens li, għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra u li l-Qorti mhijiex tenuta li taddotta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha, jibqa' l-fatt li l-Qorti m'għandiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-esperti tekniċi, speċjalment fuq materja purament teknika, b'mod leġġer jew kapriċċjuz, u kwalsiasi ġudizzju li jmur kontra l-konklużjonijiet peritali għandu jkun motivat sewwa.[18]"**

Dan ifisser allura illi l-Qorti trid ikollha ragunijiet serji u ben motivati li jistghu iwassluha titbieghed mill-fehma tal-esperti nominati minnha stess. Dan ghaliex il-Qorti ma ikollhiex dak l-gharfien mehtieg sabiex tista' tasal biex tifhem l-aspett tekniku li il-kaz ikun jitlob u jenhtieg.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi t-tezi pprospetta mill-appellant ma ssibx konfort mill-provi ndizzjarji u forensici li nstabu fuq ix-xena tal-incident, tant ghalhekk illi ma

---

[17] Illum il-ġurnata l-piena stabbilita hija ta' multa li ma tiskorrix €1200 u piena karċerarja ta' mhux iżjed minn sena. Fi żmien mertu tal-inċident il-multa ma kinitx teċċedi €232.94 u l-piena karċerarja ma kinitx iktar minn tlett xhur.

[18] Roseanne Galea u John David Galea vs L-Avukat Ġenerali u L-Kummissarju tal-Pulizija, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Frar 2017 (rikors nru. 30/15MCH).

tistax issib xi mottiv li jista' iwassalha titbieghed mill-fehma teknika milhuqa mill-esperti. Dan ghaliex ghalkemm l-appellant jibqa' isostni illi l-impatt frontali sehh fuq il-karreggjata tat-triq fejn kien qieghed isuq hu, madanakollu d-*debris* u l-vetturi kollha nstabu fuq in-naha l-ohra tat-triq, li huwa ndikattiv illi l-ewwel impatt ma setax sehh kif qed jipprova jispjega hu. Mhux biss izda l-appellant lanqas jista' jispjega x'manuvra kien qed jaghmel fis-sewqan tieghu fil-mument li ppreceda l-impatt meta huwa *ex admissis* isostni illi kien qed jhares lejn il-passiggier riekba hdejh u li allura għal mument hu tilef il-vizwali tieghu mit-triq, tant illi anke seta' jinnota l-munzell tat-trab jew terrapien li ighid li kien hemm mal-genb tat-triq. Mhux biss izda fuq ix-xena tal-incident la nstabu brejk *marks* u lanqas *skid marks* li huwa indikattiv li l-ebda wiehed miz-zewg sewwieqa ma kienu prudenti fis-sewqan taghhom tant illi lanqas indunaw bil-presenza ta' xulxin fil-mumenti li ipprecedew l-impatt sabiex l-ebda wiehed minnhom allura ma ghamel xi manuvra evasiva biex jipprova jevita l-impatt. M'hemm l-ebda dubju lanqas, u dan jidher ċar mir-ritratti, li t-Toyota hija strutturalment vettura ferm ikbar mill-Honda u għandha l-*bonnet* ta quddiem għoli meta kkomparat mal-Honda li hija vettura strutturalment baxxa u li filfatt prattikament tgħaffġet mal-impatt mat-Toyota tal-appellant[19].

Illi allura meta jitqiesu l-konklużjonijiet peritali kif ukoll ir-ritratti mehuda mill-esperti tax-xena tar-reat li jaghtu stampa vizwali cara tal-gravita' tal-inċident in kwistjoni kif ukoll tal-mod kif spiċċaw dawn il-vettura wara l-impatt, abbinati max-xiehda tal-istess appellant, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li wasslet għaliha għal dak li jirrigwarda l-ħtija tal-appellant ghall-inċident in kwistjoni.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma nġagħbet l-ebda prova, lanqas fuq bazi tal-probabbli, li xxekkel l-konklużjonijiet forensici u dan ukoll ghaliex dak allegat mill-appellant dwar kif seħħ l-inċident mhuwiex sorret minn provi oħra peress illi jekk seħħ dak li qed jallega hu kien ikun hemm indikazzjonijiet oħra fuq ix-xena tal-inċident li madankollu ma jirriżultawx kemm fir-rapporti li saru kif ukoll mir-ritratti li ttieħdu tax-xena. Dan ghaliex jekk l-impatt seħħ kif ipprospettat mill-appellant u cioe' f'distanza iktar lura minn fejn ikkonkludew l-esperti, l-Qorti tifhem li kien ikun hemm konċentrazzjoni ta' tifrik f'dik il-parti tat-triq u ċioe 10 jew 20 metru 'il boghod mill-post fejn waqfu u nstabu l-vetturi. *Di piu'* kieku huwa minnu dak allegat mill-appellant illi l-vettura Toyota tkaxxkret mat-triq mill-Honda, il-Qorti kienet tistenna li ssib xi tifrik ieħor mxerred mat-triq u tul dik id-distanza sal-punt fejn il-vetturi waqfu. Punt ieħor importanti li fil-fehma ta' din il-Qorti tiskossa t-tezi tal-appellant dwar id-dinamika tal-inċident huwa l-fatt li jekk it-Toyota tkaxkret mill-Honda wara li ġiet olzata

[19] Ara ritratti mmarkati BCD101,106, 108, 109, 110, 111 u 112 formanti parti minn Dok DA eżebit u redatt minn PC465 Daniel Abela (folio 183 mill-Proces Verbal).

minnha, din il-Qorti kienet tippretendi li jiġu kkonstatati *skid marks* fit-triq li madankollu ma rriżultaw imkien.

Il-Qorti ghalhekk ma tistax ma taqbilx mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-esperti forensici u cioe' illi l-appellanti f'mument ta' distrazzjoni temporanja mhux biss naqas milli jara il-vettura tal-parti leza gejja lejh mid-direzzjoni l-opposta, izda nvada l-karreggjata opposta tieghu u lanqas biss ghamel ebda manuvra biex jevadi l-impatt. Il-fatt illi lanqas is-sewwieq l-iehor ma nduna bl-appellant qabel l-impatt abbinat mal-velocita eccessiva li biha kienet qed tinsaq il-vettura tal-vittma, li kif irrizulta ukoll mill-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert tat-tossikologija, kien xurban, ikkontribwixxa ghal dan is-sinistru stradali fatali. Fuq kollox mil-konfigurazzjoni tat-triq huwa evidenti illi l-appellant kellu iktar spazju sabiex jagħmel *evasive action* kieku ried billi jaqleb lejn in-naħa tax-xellug tat-triq u ċioe' fuq in-naħa tal-parkeġġ, izda dan ma ghamlux billi huwa ma kienx prudenti fis-sewqan tieghu, kif inghad. Fuq kollox:

> **"... Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'.[20]"**

Sewqan prudenti f'cirkostanzi bhal dawn iwassal biex jigi evitat sinistru stradali. Kwindi minn dawn il-fatturi din il-Qorti tista' tasal biex tistabilixxi, bhal kif ghamlet l-Ewwel Qorti qabilha, illi l-appellanti ma kellux l-kontroll shih tal-vettura tieghu meta sehh l-incident tant illi tilef il-kontroll u baqa' diehel fil-vettura gejja mid-direzzjoni l-opposta tat-triq.

Illi maghdud dan, madanakollu '**...f'materja kriminali n-negligenza kontributorja ta' hadd iehor ma teskludix in-negligenza proprju, ammenokke ma tkunx "aktar minn kontributorja", cjoe' deciziva tal-incident' jew 'jekk ma tkunx hi l-kawża unika tas-sinitru**'[21].

Illi skond il-provi prodotti rriżulta meta xehed missier il-vittma quddiem l-espert Buttigieg illi Roderick Grima ma kellux awtorizazzjoni minn missieru sabiex isuq il-Honda Civic li filfatt lanqas kienet tkopriħ l-assikurazzjoni fuq l-istess vettura. Min dak li qal John Mary Grima, ma jidhirx li ibnu kien saq din il-vettura preċedentement[22]. In oltre skond ix-xhieda tat-tabib Dr. Michael Sammut li għamel ezamijiet tossikoloġiċi fuq il-vittma Grima, irriżulta li Grima kellu 97mg/100ml fis-sistema tiegħu li jeċċedi l-livell tal-alkoħol permissibbli mill-liġi waqt is-sewqan[23].

[20] Il-Pulizija vs Kevin Caruana – App. Inf 03/04/2003

[21] Pulizija vs Carmelo Mifsud deċiż nhar il-5.9.1953 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef William Harding. Ara wkoll fost oħrajn il-Pulizija vs Stephen Zammit deċiża nhar l-10 ta' Lulju 2002, Il-Pulizija vs Alfonso Abela deċiża nhar l-10 ta' Marzu 2005 u Pulizija vs Joseph Sultana deċiża nhar il-21 ta' Ottubru 2011.

[22] Folio 55 mill-Proces Verbal formanti parti mir-rapport tal-espert Buttigieg.

[23] Folio 8 tal-atti kumpilatorji datat l-10 ta' Marzu 2006 u Folio 17 tal-Proces Verbal (rapport).

Mhux biss izda skond l-esperti l-Honda Civic li kienet misjuqa minnu kienet qed tinstaq b'veloċita' elevata. Illi ghalkemm kienet il-manuvra tal-appellant il-kawza prossima ta' dan is-sinistru stradali, madanakollu l-fatt illi l-vittma kien qieghed isuq il-vettura tieghu b'velocita eccessiva u xurban, fil-fehma ta' din il-Qorti wassal sabiex l-impatt kien wiehed ferm gravi li wassal sabiex l-istess Grima spicca tilef hajjtu. Dan ifisser illi s-sewqan ta' Grima mhux biss kien wiehed negligenti, izda fuq kollox kien imprudenti u perikoluz tant illi huwa la kellu kontroll effettiv fuq il-vettura misjuqa minnu u lanqas kien attent ghal dak li kien qed jigri fil-vicinanzi tieghu. Stabbilit dan, din il-Qorti allura hija tal-fehma illi ghalkemm dawn il-fatturi ma jezonerawx lill-appellanti mir-responsabbilta tieghu ghall-incident, madanakollu kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazjoni tal-piena.

Ikkunsidrat,

Illi stabbillit allura minn din il-Qorti n-negligenza kontributorja tal-vittma, li ghalkemm ma tezonerax lill-appellant mir-responsabbilita' penali ghal dan is-sinistru, madanakollu ser tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena sabiex b'hekk l-piena kif imposta ser tigi varjata biex tirrifletti dan il-fatt. Kwindi ghal dan il-motiv din il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruhha fl-aggravvji marbuta mal-piena nflitta. Jinghad biss illi din il-Qorti sejra tapplika il-provvedimenti tal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ser tiehu in konsiderazzjoni ir-rinunzja ghall-azzjoni penali maghmula mill-vittma Jacqueline Mckay Saliba fit-termini tal-artikolu 226(2) tal-Kodici Kriminali u dan fir-rigward tal-akkuza marbuta mal-offiza nvolontarja ta' natura hafifa fuq il-parti leza Mckay Saliba. Illi ukoll din il-Qorti mhijiex ser tapplika l-provvediment tal-artikolu 225(2) tal-Kodiċi Kriminali billi dan l-artikolu ma kienx japplika meta seħħ l-inċident, liema disposizzjoni tal-ligi dahhlet fis-seħħ permezz tal-Att VII ta'l-2010.

Illi għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tikkundanna lill-appellant għall-ħlas tal-ispejjez inkorsi fl-inkjesta u dan peress li l-inċident in kwistjoni jirrisali għat-2 ta' April tas-sena 2005 u kien biss permezz tal-Att XIII tal-2005 li daħal fis-seħħ wara din id-data, li dan l-artikolu beda jkopri wkoll l-ispejjez tal-inkjesta. Fil-fatt illum dan l-artikolu tal-ligi jaqra kif gej, bil-parti sottolinjata minn din il-Qorti tizdied permezz tal-emenda surriferita:

> **Meta l-kawża ssir mill-Pulizija *ex officio*, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għaliħ, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, <u>inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-</u>**

**inkjesta[24], f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.**

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi gjaldarba kien biss wara z-zmien tal-kummissjoni tar-reat illi l-legislatur haseb sabiex ikun hemm il-kundanna ukoll ghall-ispejjez inkorsi matul l-*in genere*, kwindi l-appellant ma ghandux ibati dawn l-ispejjez.

Illi finalment rigward l-aggravju li jikkonċerna s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan kif imposta mill-Ewwel Qorti bis-sena sospensjoni tibda' tidekorri biss hekk kif l-appellant jiskonta l-piena karcerarja imposta fuqu, din il-Qorti tistqarr li l-appellant ghandu ragun. Fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Romeo Buhagiar[25] 'il-Qorti ddikjarat illi d-data tal-iskwalifika tal-licenzja tibda tghodd mid-data li fiha jkun gie misjub hati'.

> **'Sentenza ta' sospensjoni tal-licenzja tibda tiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti w mhux minn xi data aktar il quddiem. Fejn ikun sar appell, kemm taht il-kap. 65 kif ukoll taht il-kap.104, it-terminu tas-sospensjoni umbaghad jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-appell'[26].**

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti kif inghad hija tal-fehma illi f'dan il-kaz ghandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena nflitta. Mhux biss izda il-Qorti lanqas ma tista' tinjora iz-zmien li matulu damu ghaddejjin il-proceduri fil-konfront tal-appellant, liema trapass taz-zmien ma kienx imputabbli lilu. B'dan ma ifissirx illi din il-Qorti trid tnaqqas mill-gravita' u s-serjeta tal-incident mertu ta' dan il-kaz fejn sfortunatament minhabba in-negligenza fis-sewqan tal-appellant tilef hajtu tragikament guvni ta' ghoxrin sena.

Tqies ghalhekk illi f'dan il-kaz piena karcerarja effettiva mhijiex idonja u allura l-Qorti tara illi ghandu jigi applikat dak previst fl-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-appellant.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata b'dana illi filwaqt li tikkonferma l-ħtija tal-appellant għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu, madanakollu tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza marbuta mal-offiza hafifa ta' natura nvolontarja fuq Jacqueline Mckay Saliba, stante rinunzja, tirriforma l-piena nflitta billi tikkundanna lil Christopher Zammit għal-piena ta' tmintax-il xahar (18) priġunerija, liema perijodu ta' prigunerija bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ghandu jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum. Tikkonferma l-iskwalifika tal-liċenzja għal żmien sena, liema skwalifika madanakollu

[24] Parti miżjuda permess tal-Att XII ta' l-2005.

[25] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) nhar il-25 ta' Lulju 1959 mill-Imħallef Joseph Flores.

[26] Il-Pulizija vs Lawrence Azzopardi deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) nhar it-23 ta' Jannar 2003 mill-Imħallef Joe Galea Debono.

ghandha tibda' tidekorri mil-lum. Tirriforma ukoll s-sentenza appellata fir-rigward tal-kundanna ghal hlas tal-ispejjez peritali u wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, kif kien applikabbli fiz-zmien l-incident, tikkundanna lill-appellant ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €78.10.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur